IDENTITY MALTA

FORMOLA F

# UFFIĊĊJU TAL-PASSAPORT
# DIKJARAZZJONI TAĦT ĠURAMENT/DIKJARAZZJONI SOLENNI DWAR DOKUMENT TA' VJAĠĠAR MITLUF/MISRUQ/DISTRUTT

Jien, hawn iffirmat/a

imwieled/imwielda (pajjiż u data) Data D D M M Y Y Y Y

U li noqgħod (indirizz)

Kodiċi Postali

Telefon

qed niddikjara taħt ġurament/dikjarazzjoni solenni d-dokument ta' vjaġġar bin-Numru

maħruġ (pajjiż)

intilef/insteraq/ġie distrutt u li l-ebda dokument ieħor ta' vjaġġar ma nħariġli minn dik id-data lil hawn.

## ĊIRKOSTANZI KIF ĠIE MITLUF/MISRUQ/DISTRUTT IL-PASSAPORT

FEJN U META ĠIE MITLUF/MISRUQ/DISTRUTT?

SAR RAPPORT UFFIĊJALI LILL-PULIZIJA? IVA ☐ LE ☐

Jien niddikjara wkoll taħt ġurament/dikjarazzjoni solenni li t-tagħrif mogħti hawn fuq huwa korrett u jekk il-passaport jerġa' jiġi fil-pussess tiegħi jien qed nintrabat li nirritornah minnufih lill-Uffiċċju tal-Passaporti.

Firma tal-applikant

Firma tal-Kummissarju tal-ġurament/Maġistrat

Numru tal-Karta tal-Identità Maltija

Data tal-Ġurament/ Dikjarazzjoni solenni D D M M Y Y Y Y

# L-AVVIŻ DWAR IL-PRIVATEZZA - FORMOLA F

Bis-sottomissjoni tal-Formola F (Dikjarazzjoni taħt Ġurament/dikjarazzjoni solenni dwar Dokument ta' Vjaġġar mitluf/misruq/distrutt) flimkien ma' dokumenti neċessarji oħra annessi magħha, inti qed tipprovdi lill-Aġenzija Identity Malta (IMA) b'informazzjoni personali, u għalhekk issir suġġett għad-data.
L-għan ta' dan l-avviż dwar il-privatezza, huwa sabiex inkunu konformi mal-obbligi ġusti u trasparenti taħt ir-regolamenti ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data, u biex ninfurmawk dwar min se jkun qed jipproċessa l-informazzjoni tiegħek, għal liema għan, għal kemm żmien se tinżamm, ma' min se tkun qed tinqasam u dwar id-drittijiet tiegħek bħala suġġett għad-data taħt ir-regolamenti ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data.
Inti tista' tissottometti informazzjoni personali ta' individwi oħra permezz ta' din il-Formola (eż. rakkomandant, xhud eċċ). Identity Malta stabbilit li, f'tali ċirkostanzi, ikun impossibbli li tinforma lil dawn l-individwi u tali eżerċizzju jirrikjedi sforzi kbar. IMA se tapplika miżuri adegwati sabiex tipproteġi d-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi leġittimi ta' dawn l-individwi.

1. **Uffiċjal għall-Kontroll tad-Data u Protezzjoni tad-Data**
L-Aġenzija Identity Malta hija l-kontrollur tad-data, li jfisser li hija l-entità li tistabbilixxi l-għanijiet u l-mezzi li bihom tiġbor u tipproċessa l-informazzjoni tiegħek b'rabta ma' din il-formola.
L-Aġenzija Identity Malta hija aġenzija tal-Gvern ta' Malta li toffri servizzi b'rabta ma' Karti tal-Identità, Passaporti, Visi, Espatrijati u Reġistru Pubbliku.
L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Aġenzija Identity Malta huwa responsabbli li jindirizza kwalunkwe mistoqsija b'rabta ma' dawn ir-regolamenti u b'mod in ġenerali dwar attivitajiet ta' proċessar ta' data li jsir minn IMA. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ta' Identity Malta jista' jkun ikkuntattjat f'dan l-indirizz:
Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
Aġenzija Identity Malta
Triq il-Wied, Msida, MSD 9020, Malta
Email: dataprotection@identitymalta.com

2. **Għanijiet u bażi legali**
L-għanijiet wara l-ġabra ta' informazzjoni permezz ta' din il-formola huma sabiex tkun ipproċessata dikjarazzjoni ġuramentata dwar passaport li ntilef, insteraq, ġie distrutt jew mitluf u jittieħdu l-azzjonijiet rilevanti li ġejjin, li jinkludu l-infurmar lil awtoritajiet kompetenti.
Il-bażi legali għall-ipproċessar tal-informazzjoni hija t-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku minn Identity Malta u b'mod konformi mal-obbligi legali taħt li l-Aġenzija Identity Malta hija soġġetta għalih (Art. 8 Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta).
Aħna kburin li nżommu d-data tiegħek sigura u se nieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi sabiex inħarsu d-data tiegħek kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali, inkluż kontra telf, qerda, ħażna jew aċċess aċċidentali. Id-data personali tiegħek tinżamm f'fajls tal-karti u/jew b'mod elettroniku tad-databases tagħna.

3. **Min se jaċċessa l-informazzjoni personali**
L-impjegati ta' Identity Malta se jkollhom aċċess għall-informazzjoni personali tiegħek sabiex jipproċessaw din il-formola.
Din l-informazzjoni tista' tkun trasferita lil dipartimenti fi ħdan Identity Malta sabiex tiffaċilita t-twettiq tas-servizz mitlub permezz tas-sottomissjoni ta' din il-formola.
L-informazzjoni tista' tkun trasferita wkoll lill-Korp tal-Pulizija u awtoritajiet kompetenti oħra.
Dan se jsir fuq il-linji gwida tal-Liġi tal-Protezzjoni tad-Data, filwaqt li hemm bosta arranġamenti sabiex jiggarantixxu s-sigurtà ta' dawn it-trasferimenti, u biex kollox isir skont il-liġi.
Taħt ċerti kundizzjonijiet, Identity Malta tista' tiżvela l-informazzjoni tiegħek ma' partijiet terzi, (bħal entitajiet Governattivi oħra u awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi) jekk ikun neċessarju, u għal għanijiet speċifiċi u legali.
L-informazzjoni ma tiġix trasferita lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. **Perijodu ta' żamma**
L-informazzjoni provduta tinżamm għal 18-il sena mis-sottomissjoni ta' din il-formola lil Identity Malta.

5. **Id-drittijiet tiegħek**
Tista' tagħmel kuntatt mal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data sabiex teżerċita d-dritt tiegħek għal aċċess, tirratifika jew jekk jinqala' l-bżonn, tħassar id-Data, b'konformità mal-liġijiet li japplikaw.
Għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data fi kwalunkwe żmien, abbażi ta' sitwazzjonijiet partikolari.
Jekk tħoss li l-Aġenzija Identity Malta kissret xi drittijiet dwar il-protezzjoni tad-data tiegħek tista' tissottometti l-ilment tiegħek lill-awtorità responsabbli fl-Istat Membru fejn inti tgħix, jew fejn inti taħdem, jew lill-awtorità responsabbli fl-Istat Membru fejn allegatament inkissru dawn id-drittijiet.